**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru, 2018.**

**Talba Nru: 419/2018PA**

**Gasan Mamo Insurance Ltd**

**vs**

**Barry John Grant**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fid-29 ta' Awissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ppremettiet li matul il-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2015, is-soċjeta' attriċi kienet ħarġet polza tal-assigurazzjoni tat-tip Third Party Only fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAN 295, proprjeta' ta' Anna Odessa Green u dan skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni anness; li matul dan il-perjodu, l-imsemmija vettura kienet involuta f'inċident awtomobilistiku li seħħ nhar is-7 ta' Ġunju 2014 fi Triq il-Wied, l-Iklin meta kienet qed tinstaq mill-intimat u li fiħ kienet involuta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ 446; li fid-data tal-inċident imsemmi, l-intimat ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni billi kien taħt l-effett tax-xorb fil-ħin tal-inċident, kif jirriżulta mir-rapport tal-puliżija anness; li sussegwentement, permezz ta' lodo mogħti fil-11 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet **Mapfre Middlesea Insurance plc et vs Barry John Grant u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2016 ġiet awtoriżżata tintervjeni fl-arbitraġġ GasanMamo Insurance Ltd** (Arb. Nru. M4744/2016), it-Tribunal tal-Arbitraġġ sab lill-

intimat bħala unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni kollha konsegwenzjali u bid-dritt ta' rivalsa tas-soċjeta' attriċi kontra l-intimat; li s-soċjeta' attriċi ġiet interpellata b'ittra uffiċjali u kienet obbligata tħallas lit-terżi skond il-liġi msemmi, u effettivament ħallset lil Laferla Insurance Agency Limited is-somma komplessiva ta' erbat elef, seba' mija, erbgħa u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€4,754.15ċ) skond ma jirriżulta mid-dokumenti annessi; li s-soċjeta' attriċi ħallset ukoll spejjeż ġudizzjarji lill-avukat difensur tagħha fis-somma ta' mitejn, sebgħa u erbgħin Ewro, tmienja u tletin ċenteżmu (€247.38ċ), liema somma tinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud, skond it-taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ; li s-soċjeta' attriċi sofriet danni komplessivament fl-ammont ta' ħamest elef u Ewro, tlieta u ħamsin ċenteżmu (€5,001.53ċ), iżda qed tillimita t-talba tagħha f'din il-kawża għas-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) minħabba l-limitu ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal; li minkejja li l-esponenti interpellat lill-konvenut b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Mejju 2017 biex iħallasha, dan baqa' inadempjenti. Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000), bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 23 ta' Mejju 2017 u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment, u bl-imgħax legali mit-23 ta' Mejju 2017 sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) Ċertifikati tal-asikurazzjoni tal-vettura mertu ta' din il-kawża (Dok. GMI1); (ii) rapport tal-puliżija datat 7 ta' Ġunju 2014 (Dok. GMI2); (iii) Legal Payment Form dwar il-ħlas li tiegħu qed tintalab rifużjoni (Dok. GMI3); (iv) ittra legali b'talba għall-ħlas datata 15 ta' Mejju 2017 (Dok. GMI4); (v) taxxa tal-arbitraġġ numru M4744/2016, Mapfre Middlesea plc et vs Barry John Grant (Dok. GMI5); u (vi) lodo tal-arbitraġġ numru M4744/2016, Mapfre Middlesea plc et vs Barry John Grant (Dok. GMI6).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, naqas li jippreżenta Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema’ x-xiehda ta’ Malcolm Aquilina, claim adjustor mas-soċjeta’ attrii li kkonferma l-konvenut tal-Avviż tat-Talba u d-dokumenti kollha annessi miegħu, filwaqt li ppreżenta kopja tal-claim form (Dok. MA1, fol. 37), u kopja tal-polza (Dok. MA2, fol. 43). Huwa ppreżenta wkoll kopja legali tal-ittra uffiċjali interpellatorja li s-soċjeta’ attriċi intavolat kontra l-konvenut (Dok. MA3, fol. 53).

Ra li l-kopertura assikurattiva provduta mis-soċjeta’ attriċi lil sid il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet teskludi *‘Any accident, injury, loss or damage while any vehicle insured under this policy is being driven by any person including you if at the time of driving the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken under medical supervision and not for the treatment of drug addiction).’*[1]

Ivverifika mis-sistema elettronika tal-Qrati tal-Ġustizzja li s-soċjeta’ attriċi intavolat mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut, kontestwalment mal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra li, fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru 2018, is-soċjeta’ attriċi ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, li biha riedet tipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa’ ma deher x biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni.

Qies għalħekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta’ attriċi, kif impustata fl-Avviż, tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta’ probabiltajiet, fil-kontumaċja tal-konvenut.

[1] Fol. 50

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mitluba ta' ħamest elef Ewro (€5,000), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**